FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 13 TA' OTTUBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Elton Taliana

vs

Mugzazi Khaled OM

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' nazzjonalita Libjana u karta ta' identita' 128180A akkuzat talli:

1. Ikkometta serq ta' mobile phone tal-ghamla Samsung ghad-dannu ta' Marianne Chetcuti liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bil-hin;
2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-flokk tal-kuntistabbli PC 1052 B.Tonna , liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin euro (€250);
3. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-kuntistabbli PC 1052 B.Tonna, persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
4. ingurja hedded jew ghamel offiza (ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Paul Mangion M.D. (reg No 1774) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana fuq il-kuntistabbli PC1052 B.Tonna, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu li jinfluwixxi fuq kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan, ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti tidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 267, 270, 279, 325, 96 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:

Tikkundannah sentejn habs sospizi ghal erba' snin, € 4000 multa pagabbli €112 mensili bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' Novembru 2015 f'pagamenti li ghandhom isiru konsekuttivi u ininterotti , fin-nuqqas konvertibbli fi prigunerija . Kif ukoll ghandu jhallas €120 lill-Kummissarju tal-Pulizija tal-hsara.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona.

Magistrat.